

**Brussell, 20 ta' April 2021
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0328(COD)**

**5628/2/21
REV 2 ADD 1**

**CYBER 13
TELECOM 25
COPEN 35
COPS 33
COSI 14
CSC 26
CSCI 13
IND 25
RECH 36
ESPACE 6
CODEC 92
PARLNAT 92**

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jstabilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fl-20 ta' April 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Settembru 2018, fil-kuntest tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, il-Kummissjoni adottat u bagħtet lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew il-proposta¹ għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, bl-Artikoli 173(3) u 188 TFUE bħala l-bażi ġuridika.
2. L-għan tal-proposta huwa li tgħin lill-UE żżomm u tiżviluppa l-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà meħtieġa biex tiżgura s-Suq Uniku Diġitali tagħha. Il-proposta tipprevedi l-ħolqien ta' strutturi fi tliet livelli istituzzjonali: Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (livell nazzjonali), Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà (livell tal-partijiet ikkonċernati) u Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (livell tal-UE). Iċ-Ċentru ta' Kompetenza ser jimmaniġġja l-appoġġ finanzjarju relatat maċ-ċibersigurtà mill-baġit tal-UE u ser jiffaċilita l-investiment konġunt mill-UE, l-Istati Membri u l-industrija biex tingħata spinta liċ-ċibersigurtà tal-UE.
3. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju (minn hawn 'il quddiem "il-Grupp ta' Ħidma") fis-17 ta' Settembru 2018; imbagħad, sar eżami tal-valutazzjoni tal-impatt fil-Grupp ta' Ħidma fit-28 ta' Settembru 2018. Id-diskussjoni dwar il-proposta nnifisha fil-Grupp ta' Ħidma bdiet fit-28 ta' Settembru 2018 taħt il-Presidenza Awstrijaka u kompliet taħt il-Presidenza Rumena, Finlandiża, Kroata u Ġermaniża.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni² tiegħu dwar il-proposta fit-23 ta' Jannar 2019. Il-KESE laqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni, billi kkunsidraha bħala pass importanti fl-iżvilupp ta' strateġija industrijali għaċ-ċibersigurtà u mossa strateġika biex tinkiseb awtonomija diġitali robusta u komprensiva.

¹ 12104/18

² 5898/19

5. Fil-Parlament Ewropew, il-fajl ġie assenjat lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) u s-Sa Julia REDA (ITRE, Ħodor/AHE) inħatret bħala rapporteur. Ir-rapport ġie adottat fid-19 ta' Frar 2019 fil-kumitat ITRE u ġie approvat mill-Parlament waqt is-sessjoni plenarja ta' Marzu I 2019. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, b'112-il emenda għall-proposta tal-Kummissjoni, b'489 vot favur, 73 vot kontra u 56 astensjoni. Wara l-elezzjonijiet Ewropej, is-Sur Rasmus ANDRESEN (ITRE, Ħodor/AHE) inħatar bħala r-rapporteur il-ġdid.
6. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Coreper ta mandat³ biex jinbdew in-negozjati mal-Parlament Ewropew. Minn dakinhar 'l hawn saru ħames trilogi: fit-13 u l-20 ta' Marzu 2019 taħt il-Presidenza Rumena, fil-25 ta' Ġunju 2020 taħt il-Presidenza Kroata u fid-29 ta' Ottubru u l-11 ta' Diċembru 2020 taħt il-Presidenza Ġermaniża.
7. L-ewwel trilogu sar fit-13 ta' Marzu 2019 fi Strasburg u ma wassal għall-ebda diskussjoni sostanzjali. Iż-żewġ partijiet ippreżentaw il-pożizzjonijiet tagħhom u l-bidliet ewlenin proposti fil-proposti rispettivi tagħhom u qablu dwar il-passi li jmiss u skeda ta' żmien. Il-koleġiżlaturi kkonfermaw l-impenn qawwi tagħhom li jilhq u qbil malajr kemm jista' jkun.
8. It-tieni trilogu sar fl-20 ta' Marzu 2019 fi Brussell u ġew diskussi l-kwistjonijiet identifikati bħala politiċi fl-ewwel laqgħa teknika, prinċipalment il-missjoni u l-kompiti taċ-Ċentru ta' Kompetenza, il-finanzjament u l-Bord ta' Tmexxija. Il-Presidenza Rumena bbażat l-approċċ tagħha fuq il-mandat li rċeviet għall-ewwel trilogu. Fit-tieni trilogu kien hemm attitudni pożittiva fuq iż-żewġ naħat, peress li ntweriet flessibbiltà dwar diversi kwistjonijiet u nġhatat gwida għal-livell tekniku sabiex isir aktar progress fit-test ta' kompromess.

³ 7583/19

9. Fit-3 ta' Ġunju 2020 il-Coreper approva mandat rivedut għan-negozjati mal-Parlament Ewropew⁴. It-tielet trilogu sar fil-25 ta' Ġunju 2020, fi tmiem il-Presidenza Kroata, bil-ħsieb li l-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwar l-emendi ewlenin fil-mandat il-ġdid tal-Kunsill b'enfasi fuq 1) il-missjoni, l-oġettivi u l-kompiti taċ-Ċentru ta' Kompetenza, 2) l-istruttura tiegħu, 3) id-dispożizzjonijiet finanzjarji u 4) il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.
10. Pożizzjoni waħda pendenti tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-vot tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru, ġiet riżolta fil-Kunsill taħt il-Presidenza Ġermaniża. Fit-22 ta' Lulju 2020, għe adottat mandat rivedut mill-Coreper, li jiċċara l-ambitu tad-dritt ta' veto tal-Kummissjoni.
11. Kwistjoni pendenti oħra dwar is-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza ġiet riżolta fil-marġini tal-Coreper fit-28 ta' Ottubru 2020 mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li qablu dwar proċedura għall-għażla tas-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza⁵. Id-deċiżjoni dwar is-sede ttieħdet mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri fil-marġini tal-Coreper fid-9 ta' Diċembru 2020. Bucharest (ir-Rumanija) intgħażlet bħala s-sede.
12. Ir-raba' trilogu, li sar fid-29 ta' Ottubru 2020, ta mandat wiesa' lil-livell tekniku biex jinstabu kompromessi dwar il-kwistjonijiet pendenti li fadal. F'diversi laqgħat tekniċi, instabu kompromessi dwar il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet.
13. Fil-ħames u l-aħħar trilogu, li sar fil-11 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew laħqu qbil proviżorju f'konformità mal-mandat li għe mġedded mill-Coreper fid-9 ta' Diċembru 2020. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Coreper approva t-test ta' kompromess finali kif maqbul fit-trilogu.

⁴ 8315/20

⁵ 13405/20

II. OBJETTIV

14. Din il-proposta tipprevedi l-ħolqien ta' Ċentru ta' Kompetenza, li jkun l-istrument ewlieni tal-UE biex jinġabar l-investment fir-riċerka, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċibersigurtà. Dan jipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju relatat maċ-ċibersigurtà mill-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali. Kif iddikjarat hawn fuq, il-proposta tipprevedi wkoll l-istabbiliment ta' Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni u Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.
15. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jkollu Bord ta' Tmexxija, magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, li jiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali tal-operazzjonijiet taċ-Ċentru [...]u jiżgura li iċ-Ċentru jwettaq il-kompiti tiegħu f'konformità ma' dan ir-Regolament. L-għan taċ-Ċentru jkun li jiżgura koordinazzjoni aktar b'saħħha bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll l-applikazzjoni ta' strateġiji fil-livell tal-UE u dak nazzjonali u li jippermetti lill-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom għal azzjonijiet konġunti.
16. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jkun jista':
 - i) jimplementa azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni (appoġġati minn Orizzont Ewropa) kif ukoll azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet (appoġġati minn Ewropa Diġitali), f'konformità mal-governanza msemmija hawn fuq (jiġifieri l-Kummissjoni u l-Istati Membri).
 - ii) jappoġġa, flimkien mal-Istati Membri, il-bini u l-akkwist ta' tagħmir, għodod u infrastruttura tad-data avvanzati taċ-ċibersigurtà fl-Ewropa, u jiżgura applikazzjoni wiesa' tal-aħħar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà fl-ekonomija kollha; għal dan il-għan, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jkun jista' jiffaċilita wkoll l-akkwist kondiviż tal-kapaċitajiet f'isem l-Istati Membri.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. KUNTEST PROĊEDURALI

17. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ("ftehim bikri fit-tieni qari"). It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti l-pakkett ta' kompromess maqbul bejn iż-żewġ koleġiżlaturi, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

B. SOMMARJU TAL-KWISTJONIJIET EWLENIN

18. Il-modifiki ewlenin meta mqabbla mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni li ntlaħaq qbil dwarhom miż-żewġ koleġiżlaturi huma:
- 1) formulazzjoni ta' kompromess ġiet introdotta f' diversi dispożizzjonijiet biex it-test jiġi allinjat mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar Ewropa Diġitali u r-Regolament dwar Orizzont Ewropa, peress li ċ-Ċentru ta' Kompetenza ser jimmaniġġja l-appoġġ finanzjarju relatat maċ-ċibersigurtà mill-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali;
 - 2) ir-referenza għas-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza fid-dispożizzjonijiet legali tar-Regolament (l-Artikolu 1) tħassret. Minflok, ġiet miżjuda premessa (20) ġdida;
 - 3) ġew miżjuda għadd ta' kunċetti, b' definizzjonijiet adatti, bħal "theddida ċibernetika", "azzjoni konġunta", "kontribuzzjoni in natura" u "Hub ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropew";
 - 4) ġiet miżjuda "l-Aġenda", jiġifieri strateġija industrijali, teknoloġika u tar-riċerka fil-qasam taċ-ċibersigurtà, li tkun komprensiva u sostenibbli, li tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet strateġiċi għall-iżvilupp u t-tkabbir tas-settur industrijali, teknoloġiku u tar-riċerka Ewropew fil-qasam taċ-ċibersigurtà u prijoritajiet strateġiċi għall-attivitajiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza;

- 5) il-kompiti taċ-Ċentru ta' Kompetenza, li oriġinarjament kienu stabbiliti f'artikolu wieħed flimkien mal-oġettivi, issa huma stabbiliti f'artikolu ddedikat u ssir distinzjoni bejn il-kompiti strateġiċi u l-kompiti ta' implimentazzjoni taċ-Ċentru;
- 6) ir-rwol tal-ENISA ssaħħaħ. L-ENISA ser tkun osservatur permanenti fuq il-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza u tista' tipprovdi pariri u kontribut dwar l-abbozzar tal-Aġenda u l-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali;
- 7) ġew introdotti dispożizzjonijiet ġodda rigward iċ-Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tan-nomina taċ-ċentri u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni,
- 8) il-kompiti tal-Bord ta' Tmexxija ġew elaborati aktar, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni tal-Aġenda u l-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali;
- 9) ir-regoli tal-votazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza ġew emendati u ġie stabbilit il-prinċipju ta' "membru wieħed, vot wieħed", minflok id-dispożizzjoni oriġinali tal-proposta tal-Kummissjoni li semmiet li l-UE għandu jkollha 50 % tad-drittijiet tal-vot. Madankollu, għal ċerti deċiżjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, kif ukoll fir-rigward tal-programm ta' ħidma annwali, il-programm ta' ħidma pluriennali u l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni ser ikollha 26 % tad-drittijiet tal-vot; il-Bord ta' Tmexxija għandu jjeħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-inqas 75 % tal-membri kollha tiegħu;
- 10) il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku inbidel għal Grupp Konsultattiv Strateġiku, li ser jipprovdi pariri abbażi ta' djalogu regolari bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;
- 11) il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ser tkun magħmula minn korpi/organizzazzjonijiet kollettivi u mhux ser tinkludi individwi; bħala kompromess, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-korpi tiegħu ser ikunu jistgħu jirrikorru għall-għarfien espert ta' individwi u persuni fiżiċi bħala esperti ad hoc;

12) ġew miżjuda artikoli ġodda dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri (Artikolu 35) u dwar il-personalità ġuridika taċ-Ċentru ta' Kompetenza (Artikolu 39).

IV. KONKLUŻJONI

19. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-pakkett ta' kompromess li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu dwaru, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
20. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta pakkett bilanċjat u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament il-ġdid ser ikollu rwol ewlieni fl-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet teknoloġiċi, industrijali u ta' riċerka tal-UE fil-qasam taċ-ċibersigurtà.
